



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 22.6.2011
KUMM(2011) 358 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament
Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni
finanzjarja soda (EGF/2011/000 TA 2011 - għajjnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-
Kummissjoni)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun, u dan appartni mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-FEG huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

Dejta prinċipali:	
Nru ta' Referenza tal-FEG	FEG/2011/000
Il-Kummissjoni Ewropea	Assistenza teknika
Nefqa amministrattiva: baġit f'EUR	610 000
% nefqa amministrattiva (limitu : 0,35 %)	0,12 %

Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, 0,35 % tal-ammont annwali massimu tal-FEG jista' jkun disponibbli kull sena għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni

Għajnuna teknika li se tkun iffinanzjata u analiżi tal-ispejjeż stmati tagħha

1. L-għotja se tkun użata għan-nefqa msemmija fl-Artikoli 8(1) u (4) kif ukoll fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif spjegat hawn taħt.
2. Il-monitoraġġ: Il-Kummissjoni se tiġbor id-dejta dwar l-applikazzjonijiet li waslu u tħallsu, u l-miżuri proposti u implimentati, u se tagħgħorna u tistampa l-Istampa tal-Istatistika tal-FEG b'informazzjoni sa tmiem l-2011. L-ispejjaż hi stmata li se tiswa EUR 20 000.
3. Informazzjoni: Il-websajt tal-FEG, li l-Kummissjoni mitluba toħloq u tamministra skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, se tkun aġġornata b'mod regolari u se titkabbar, kull element ġdid se jkun tradott ukoll fil-lingwi kollha tal-UE. Il-fajl tal-istampa se jiġi stampat, u r-rapport annwali tal-FEG se jkun prodott, tradott, stampat u distribwit. Se tittejjeb il-kuxjenza ġenerali tal-FEG u l-viżibilità tiegħu, inter alia, bil-produzzjoni ta' vidjow ibbażat fuq każijiet diversi tal-FEG li qed jiġu implimentati. Il-FEG se jkun kopert b'pubblikazzjonijiet u f'attivitajiet awdjoviżivi varji tal-Kummissjoni. Dawn l-oġġetti kollha huma stmati li se jiġu jiswew EUR 250 000.
4. Il-ħolqien ta' bażi tal-għarfien: Il-Kummissjoni se twaqqaf proċeduri standardizzati għall-applikazzjonijiet tal-FEG u l-ipproċessar tagħhom, li se jippermettu li jkunu

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

ssimplifikati, li l-ipproċessar tagħhom jehfif u r-rapporti jkunu estratti b'mod aħjar għal bżonnijiet varji. L-ispiża hi stmata li se tiswa EUR 70 000.

5. Għajnuna amministrattiva u teknika : Il-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG, b'27 membru, wieħed minn kull Stat Membru, se jżomm żewġ laqgħat, b'allokazzjoni baġitarja ta' EUR 35 000 għal kull laqgħa. Iż-żewġ laqgħat flimkien huma stmata li se jiswew EUR 70 000.
6. B'żieda ma' dan, il-Kummissjoni se torganizza l-iskambju tal-prassi li kellhom suċċess fost l-Istati Membri, b'hekk tkun qed tagħti l-opportunità lill-parteċipanti b'esperjenza fl-implimentazzjoni tal-FEG sabiex joħolqu netwerk bejniethom. L-ewwel minn dawn il-laqgħat se tkun dedikata għall-iskambju tal-informazzjoni u l-esperjenzi dwar iż-żmien ideali u l-iffinanzjar tal-applikazzjonijiet tal-FEG. Din l-attività tan-netwerking hi stmata li se tiswa EUR 200 000.
7. Evalwazzjoni: Attivitàjiet ta' preparazzjoni għall-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-FEG, kif stipulat fl-Artikolu 17, il-paragrafu 1(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kienu kkuntrattati mar-riżorsi tal-baġit tal-2010. L-evalwazzjoni finali tal-FEG mhux se tibda qabel l-2012. Għalhekk m'hemmx baġit imwarrab għall-evalwazzjoni tal-FEG fl-2011.

Oġġetti	Numru stmat	Nefqa stmata għal kull oġġett (f'EUR)	Spejjeż totali (f'EUR)
Monitoraġġ	1	20 000	20 000
Attivitàjiet ta' informazzjoni	Varji	Varji	250 000
Hoġkien ta' bażi tal-għarfien:	1	70 000	70 000
Għajnuna amministrattiva u teknika: Laqgħat tal-Grupp Espert tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG	2	35 000	70 000
Għajnuna amministrattiva u teknika: Seminars dwar l-implimentazzjoni tal- FEG	2	100 000	200 000
Total tal-ispiża stmata			610 000

Il-finanzjament

8. Il-baġit annwali totali disponibbli għall-FEG huwa ta' EUR 500 miljun. L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 jiddikjara li 0,35 % ta' dan l-ammont (jiġifieri EUR 1 750 000) jista' jsir disponibbli kull sena għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Attwalment, l-ammont sħiħ għall-2011 jibqa' disponibbli; s'issa xejn għadu ma ġie allokat għal għajnuna teknika.

9. L-għotja proposta għall-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fl-2011 hija ta' EUR 610 000. Wara l-mobilizzazzjoni ta' dan l-ammont, l-ammont ta' EUR 1 140 000 jibqa' potenzjalment disponibbli f'każ li jerġa' jiġi meħtieġ aktar tard fis-sena.
10. Filwaqt li tqis l-ammont massimu possibli ta' għotja mill-FEG skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 kif ukoll l-ambitu tar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni qiegħda tippromponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokati taħt l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
11. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni qiegħda tniedi l-proċedura ssimplifikata tat-trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex, fl-ivell politiku xieraq, tgħarraf lill-ferġha l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja, għandha tissejjaħ laqgħa formali tat-trijalogu.
12. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit għall-2011 iddaħħal approprjazzjonijiet speċifiċi għall-impenn, kif jitlob il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors tal-appropriazzjonijiet għall-ħlas

13. L-ammont ta' EUR 7 302 277 jibqa' disponibbli fuq il-linja Baġitarja tal-FEG 04.0501 wara l-adozzjoni miż-żewġ ferġat tal-Awtorità Baġitarja tat-tliet Deċiżjonijiet li jammontaw għat-total ta' EUR 10 371 321, wara l-kunsiderazzjoni tal-erba' każijiet li bħalissa qed ikunu diskussi mill-Awtorità Baġitarja għall-ammont totali ta' EUR 29 935 352. Dan l-ammont disponibbli se jintuża biex ikopri l-ammont ta' EUR 610 000 li hemm bżonn għall-assistenza teknika.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (EGF/2011/000 TA 2011 - għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda³, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni⁵,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf sabiex jipprovdi sostenn addizzjonali lil ħaddiema ssensjati li jbatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin, u sabiex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi s-sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG taħt il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 jistipula li 0,35 % tal-ammont massimu annwali jista' jsir disponibbli kull sena għall-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għalhekk qiegħda tressaq proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 610 000.

³ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁴ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

- (5) Il-FEG għandu, għaldaqstant, jiġi mmobilizzat biex jipprovdi għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 610 000 f'appropriazzjonijiet għall-impenji u għall-pagamenti.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President